



## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 122/25

Il-Lussemburgu, 16 ta' Settembru 2025

### Marc Van der Woude elett mill-ġdid President tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea

Wara t-tiġdid parzjali tal-Membri tal-Qorti Ġenerali <sup>1</sup>, Marc Van der Woude ġie elett mill-ġdid, mill-Membri l-oħra tal-Qorti Ġenerali, President tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea għall-perijodu bejn is-16 ta' Settembru 2025 u l-31 ta' Awwissu 2028.

#### **Curriculum vitae ta' Marc Van der Woude**

Imwieled fl-1960 f'Gorredijk (il-Pajjiżi l-Baxxi), Marc van der Woude temm l-ewwel snin ta' studji tiegħu fir-Rijksuniversiteit Groningen (l-Università ta' Groningen, il-Pajjiżi l-Baxxi) fejn fl-1983 kiseb diploma fid-dritt. Huwa kompla l-istudji tiegħu fil-Collège d'Europe (il-Belġju) sal-1984.

Mit-tmiem tal-istudji tiegħu, huwa kien attivament involut fit-tagħlim u fir-riċerka fil-Collège d'Europe, fejn kien assistent sal-1986. Imbagħad kien lettur fl-Universiteit Leiden (l-Università ta' Leiden, il-Pajjiżi l-Baxxi) mill-1986 sal-1987. Matul il-karriera tiegħu, huwa baqa' impenjat fit-tagħlim u mill-2000 ġie fdat katedra tad-dritt fl-Erasmus Universiteit Rotterdam (l-Università Erasmus ta' Rotterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi). Awtur ta' numru ta' pubblikazzjonijiet, huwa jikkontribwixxi għall-iżvilupp tax-xogħol fid-dritt tal-kompetizzjoni, li huwa rifless f'bosta xogħlijiet ta' riferiment fil-qasam.

Minbarra l-impenji akkademiċi tiegħu, M. van der Woude għandu karriera bħala prattikant tal-liġi. Mill-1987 sal-1989, huwa kien fis-servizz tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, fejn aġixxa bħala relatur mad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni. Imbagħad ingħaqad mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej u kkollabora, bħala référendaire, mal-Imħallfin Thymen Koopmans u Paul Joan George Kapteyn mill-1989 sal-1992. Il-Kummissjoni Ewropea ħatritu amministratur fi ħdan id-Diviżjoni ta' Koordinazzjoni mad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni, pożizzjoni li okkupa mill-1992 sal-1993 qabel ma sar membru tas-Servizz Legali tagħha mill-1993 sal-1995. Minn dik id-data, sar avukat mal-Kamra tal-Avukati ta' Brussell (il-Belġju), fejn il-prattika kontenzjuża tiegħu tiffoka fuq id-dritt tal-kompetizzjoni.

M. van der Woude nħatar Imħallf tal-Qorti Ġenerali fit-13 ta' Settembru 2010. L-Imħallfin sħabu għażluh bħala President ta' Awla fit-18 ta' Settembru 2013 u Viċi President fl-20 ta' Settembru 2016. Fis-27 ta' Settembru 2019, huwa ġie elett President ta' din il-qorti u minn dakinhar ilu jaqdi dmiru f'din il-kariga.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ibqgħu konnessi!



<sup>1</sup> Ara l-Istqarrija għall-istampa [Nru 121/25](#) tal-15 ta' Settembru 2025.